MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1585/2001/1

**GASANMAMO INSURANCE AGENCY LIMITED u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Patricia Anastasi u l-istess Patricia Anastasi**

**Vs**

**William Mallo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2001 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta'Lm188.15 (mija u tmienja u tmenin lira maltin u hmistax il-centezmu).**

**Fl-Avviz tat-talba intqal li: 'Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' mija u tmienja u tmenin lira**

**maltin u hmistax il-centezmu (Lm 188.15) u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm160.15 lis-socjeta' assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25.00 lill-attrici Patricia Anastasi rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru IAW229 fit-30 ta' Jannar, 2000 gewwa l-Imsida habat mall-vettura numru PAT 010 propjeta ta' Patricia Anastasi u ikkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**

**Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 6 ta' Dicembru, 2000 kontra l-konvenut u ta' l-Ittra Ufficjali ohra ipprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'**

**Ra r-risposta fejn intqal li: 'Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident tat-traffiku msemmi sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lill-assikurata Patricia Anastasi.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri'.**

**Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.**

**Jirrizulta li l-konvenut ghalkemm moghti diversi possibilita biex iressaq il-provi tieghu, huwa naqas li jottempera ruhu. Id-danni ma gewx kontestati.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' mija u tmienja u tmenin lira maltin u hmistax il-centezmu (Lm188.15) bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------